# IL-MAĠIJA TAL-MUŻIKA

(l-ewwel parti)
minn Dr. Coronato Grech MD

Storja. L-oriġini tal-mużika huwa mitluf fiċ-ċpar ta' l-istorja umana. Nafu li sa minn żmienijiet bikrija ħafna, il-bniedem[1] għamel ċerti ħsejjes b'rittmi regolari billi jħabbat xi zokk vojt, jonfoħ ġo xi qasba mtaqqba, jew iġebbed kordi stirati. B'hekk ivvinta l-ewwel strumenti mużikali biex jakkumpanjaw il-vuċi tiegħu (probabbli l-ewwel ħoss mużikali). Matul iż-żmien il-mużika saret importanti f'ċerimonji reliġjużji, soċjali, militari u ta' divertiment. U matul l-istorja mqallba umana din il-maġija tal-mużika kważi ma naqset qatt, anzi llum għadha magħna f'tant forom differenti u pjaċevoli. Kif qal l-għalliem ċiniż Konfuċju (seklu 5 QK) tant snin ilu, il-mużika fiha ċerta maġija li l-bniedem ma jgħaddix mingħajra.

L-ewwel ħsejjes rittmiċi li jisma' l-individwu huwa meta għadhu lanqas twieled, għax minn ġo l-utru jisma t-taħbit regolari u wenniesi tal-qalb ta' l-omm, waqt li l-ewwel lezzjonijiet mużikali li titgħallem tarbija huma l-għana ta' l-omm tkantalha biex traqqadha, drawwa universali madwar id-dinja.

Probabbli l-ewwel nies li kkultivaw il-mużika kienu l-Eġizzjani tal-Qedem (l-ewwel dinastiji bdew lejn l-aħħar tar-raba' millenju QK). Ma waslitilna ebda' nota mużikali tagħhom, għalkemm waslitina ħafna nformazzjoni mużikali minn stampi, skulturi u fdalijiet ta' strumenti fl-oqbra. F'dawn insibu strumenti bħat-tanbur, ċimbali, trumbetta, flawt u arpa, li jixbhu sew l-instrumenti moderni.

Nies oħra dilettanti tal-mużika kienu l-Lhud u fil-Bibbja nsibu ħafna referenzi għaliha. Minn kmieni (Ġen. 4.21) nsibu li fost dawk ta' nisel Kajjin kien hemm dawk li jdoqqu ċ-ċetra u l-flawt. U meta Sawl ġie midluk sulstan, kienet il-mużika li daħħlitu f'estasi u bidlitu fi bniedem iehor(1 Sam.10.5), tendenza li donnha baqgħet miegħu ghax meta kien jaħtfu l-ispirtu ħażin ġej minn Alla, kienet l-arpa ta' David li tneħħilu l-melankonija. (1 Sam.16.23). U darba meta kienu qed iġorru arrew l-arka, l-Iżraeliti żifnu u qabżu bil-ferħ u daqqew kitarri, arpi, tnabar, ċnieċel u platti. (2 Sam.5.5)[2]. Fit-tempju ta' Salamun, il-leviti u l-kantanti kienu joqgħodu "bil-wieqfa n-naħa tal-lvant ta' l-artal bil-platti u l-arpi u ċ-ċetru u magħhom mija u għoxrin qassis idoqqu t-trombi. (2 Kron.5.11-13). Meta mbagħad kienu eżiljati f'Babilonja bkew xortihom u tniehdu..."mas-sigar tal-luq u dendilna ċ-ċetri, għax kif nistgħu ngħannu f'art barranija?" (Salm.137, 2 u 4)[3].

Il-Griegi tal-qedem għollew ħafna l-arti tal-mużika. Il-mużika kienet importanti għal edukazzjoni tal-tfal (ta' l-inqas is-subien) u kull raġel kien mistenni li japprezza l-mużika. Il-ħassieb Pitagoru (m580-497 QK) kien sab relazzjoni matematika bejn in-noti fundamentali li jipproduċu kordi stirati meta dawn jgħamlu ħsejjes pjaċevoli. Minn hemm baqa' sejjer bit-teorija tiegħu li fin-natura kollox huwa bbażat fuq numri ntegrali sempliċi. Per eżempju kien maħsub li l-arranġamenti ta' l-orbiti tal-qamar, xemx u pjaneti kienu bbażati fuq numri li aktar tard saru n-noti mużikali tal-mużika ta' l-isferi[4]. Għal Pitagoruu l-kult tiegħu, l-mużika kienet ukoll mezz ta' purifikazzjoni. Fid-drammi Griegi il-mużika kienet mħallta maż-żfin, kant (solista jew kor) u ukoll fir-reċtar, inkluż qari ta' poeżiji. Pero' l-mużika kienet għadha pjuttost sempliċi għax kienent għadha ma ġietx introdotta l-armonija, li fil-mużika tfisser li ddoqq noti fl-istess ħin. Il-mużika Rumana kienet tixbaħ lil tal-Griegi għalkemm fost l-armata kienet iktar severa u militanti.

Sa dan iż-żmien, iċ-ċinizi, li kienu bnew kultura kbira, diġa' kellhom tradizzjoni antika ta' mużika, għalkemm din ma kienitx daqshekk avventuruża jew nnovattiva, għax skond leġġenda minn madwar elfejn sena QK, l-imperatur ta' dak iż-żmien kien iddijkara li l-mużika kollha kellha tkun ibbażata fuq il-ħoss ta' ċerta qanpiena safra. U bħal ma' ġara' drabi oħra (per eżempju ż-Żmienijiet tan-Nofs fl-Ewropa), meta jiġu ċċensurati ideat ġodda l-progress kważi jieqaf.

Il-Kristjaneżmu, meta sar ir-reliġjon uffiċċjali ta' l-imperu Ruman fis-sena 313, ta' enfasi lil liturġija akkompanjata mill-kant u mużika. Din kienet taħlita ta' nfluenzi Griegi u Lhud u saret iktar varjata meta San Ambroġ (340-97) introduċa innijiet ġodda mill-lvant. Dan l-iżvilupp kompla jiżdied ħafna fi żmien il-Papa Gregorju l-Kbir (540-504), li barra li ntroduċa liturġiji ġodda, bena skola ta' kant u mużika f'Ruma biex

tiżviluppa dan l-aspett fil-liturġija. Kien hemm żewġ tipi prinċipali ta' għana: dak bejn solista u kor, u dak bejn żewġ korijiet (mingħajr strumenti). Minn hawn żviluppa l-kant Gregorjan, li minkejja li kien pjuttost sempliċi, kien, (u għadu), effettiv ħafna biex jgħolli d-devozzjoni u jispira l-kongregazzjoni. Ftit ftit dan l-istil xxerred ma' l-Ewropa.

Sadattant xi ftit mużika sekulari kien hemm ukoll. Fil-palazzi tar-rejjiet kienu l-buffi, li spiss kienu deforomati jew nani, ntelliġenti ħafna u jafu jkantaw, jdoqqu u jallegraw f'kull okkazzjoni. Imbagħad kien hemm it-trobadori, poeti-mużiċisti, li kienu jivvjaġġaw minn post għal ieħor, jirrakontaw u jkantaw stejjer u ballati (per eżempju dik ta Rolando, il-kavallier eroj ta' żmien Karlumanju, jew l-imħabba idejali (iżejjed)ta' kavallier lejn il-mara ideali)... u akkompanjati b'mużika ħafifa. Dawn kienu popolari ħafna fi Franza u l-Italja fis-sekli ħdax u tnax.

In-naħa l-oħra tad-dinja kien hemm ukoll żvilupp fil-mużika Għarbija, Persjana, Indjana ċiniża eċċ. Pero aħna tal-Punent, li m'ahniex imdorrijin biha, aktarx li narawha daqxejn stramba u naħseb viċi versa. Anke aħna llum, bħal bniedem primittiv, meta xi ħoss avolja mużikali, imma li ma nifmuhx jew mhux familjari, aktarx li jdejjaqqna u ma rridhux nisimgħuh.

Il-mużika kienet ilha teżisti għal bosta sekli qabel ma bdiet tiġi miktuba. Ħafna popli kellhom xi sistema primittiva ta' kitba li tirrappreżenta l-mużika. Il-Griegi kellhom sistema fejn ittri ta' l-alfabett kienu jirrappreżentaw ħsejjes, jew noti, differenti. Ir-Rumani kollhom ukoll notazzjoni oħra. Anke fil-kant Gregorjan ntużat sistema ta' notamenti alfabetiċi flimkien ma' simboli mużikali, (msejħa neumus), li kienu jgħatu ndikazzjoni, avolja mhix eżatta, ta' kif kellu jsir il-kant. Mis-seba' seklu l-quddiem, u speċjalment bl-isforzi tat-Taljan Guido D'Arezzo fis-seklu ħdax, bdew jiġu bil-mod introdotti noti mużikali miktuba, li iktar tard żviluppaw f'dawk li nafuhom llum. Issa l-kompożitur seta' juża simboli li x'ħin il-mużiċist jaqrahom ikun jista' jdoqq il-kompożizzjoni li spiss tkun ta' strument wieħed fost ħafna.

Strumenti mużikali. Il-ġisem uman kien l-ewwel strument mużikali. Mhux biss kapaċi jagħmel ħsejjes, imma wkoll sensittiv għalihom, u mhux mill-widna biss. Mhux biss kapaċi jipproduċi varjeta' kbira ta' kant bil-vuċi, imma anke b'ċapċip ta' l-idejn, jew ċapċip ieħor fuq il-ġisem ( bħal f'ċerti ċerimonji rittmiċi ta' tribujiet ), jew b'ċerti ħsejjes man-nifs. (bħalma jagħmlu d-derwixi, membri ta' kulti mistiċi Islamiċi li fost l-oħrajn jippruvaw jidħlu f'estasi b'ħafna tidwir u mużika).

Biex imbagħad ivvinta strumenti mużikali l-bniedem kellu juża materjal li jsib madwaru: mill-annimali ħa per eżempju il-qrun għat-trombi[5], l-istonku għall-minfaħ u żaqq, il-ġilda għat-tnabar, msaren għall-kordi u għadam għall-flawt. Anke nsetti ħajjin uża ġo strumenti biex iżid iż-żarżir. Mill-baħar ħa qxur tal-bebbux kbir għat-trombi; u anke ċertu ċagħaq li meta tħabbtu bħal idoqq. Mill-pjanti hemm zkuk kbar vojta għat-tnabar; jew dawk iżgħar biex iħabbat bihom; il-qasab għall-betbut jew flawt; u njam għal tant strumenti oħra. U meta ġew skoperti l-metalli dawn ġew addatati għal strumenti mużikali. Maż-żmien żviluppaw ħafna strumenti li l-oriġini tagħhom hija mitlufa fil-passat. Nafu li ħafna mill-istrumenti ta' l-orkestra kontemporanja tal-Punent ma zviluppawx fl-Ewropa. Per eżempju l-klarinett, l-obwe, il-vjolin, u l-ljut żviluppaw fil-Lvant Nofsani, it-tnabar fl-Afrika, kif ukoll l-arpa qabel ma' tfaċċat fl-Eġittu tal-Qedem. Fl-Iskandinavja, Ewropa ċentrali u t-Tibet ġew żviluppati trombi enormi li huma addati ħafna biex iwasslu ħsejjes bejn il-muntanji.

Interessanti li xi wħud minn dawn l-istrumenti ħadu sinjfikanza mistika: per eżempju t-tul tal-ljut (li huwa strument bħal kitarra ħoxna) kien jikkorrispondi għall-ġranet matul is-sena, il-ħames kordi għall-ħames elementi, it-tondjatura għas-sema, il-parti lixxa għall-art, u t-tlettax il-taqsima taħt il-kordi għat-tlettax il-qamar matu is-sena. Strument bħal dan kien jikkalma mhux biss lill-bnedmin imma anke, kien maħsub, lil allat. Fl-arti Kristjana l-ispirti għandhom l-istrumenti mużikali tagħhom, per eżempju l-anġli l-arpa[6] u x-xitan il-vjolin.

Kull strument mużikali għandhu l-istorja partikulari tiegħu. Fil-1946 il-mużikoloġist Franċiż Andre' Schaeffner għamel studju fit-tul fuq l-istrumenti kollha mużikali. Huwa ddeskriva strumenti mis-Sumer, Eġittu, Greċja, Ruma, Żmienijiet tan-Nofs, tar-Rinaxximent, u tal-perjodi Klassiċi u Romantiċi. Dan kien eżempju ta' organoloġija, l-istudju sistematiku ta' strumenti mużikali. Ftit wara, żewġ organoloġisti oħra, Curt Sachs u Eric von Hombostel għamlu klassifika estensiva ta' l-istrumenti mużikali li għadha wkoll

tintuża ħafna sal-lum. Minn dawk l-istrumenti kollha għazilt tlieta biex narawhom ftit iktar mill-qrib: il-flawt, it-tanbur u l-qanpiena.

Il-betbut huwa fost l-eqdem strumenti mużikali u għadhu sal-lum jinsab għand il-bdiewa u r-raħħala madwar id-dinja. Id-dixxendent tiegħu - il-flawt - huwa wkoll fost l-istrumenti folkloristiċi magħrufa u komuni. Probabbli l-ewwel flawt kien magħmul mill-għadma prinċipali tar-riġel fil-mammiferi, msejħa tibia[7]. Sas-seklu 2 QK kien diġa' magħruf ġewwa l-Greċja u l-Etruria, u iktar tard insibuh fl-Indja iċ-ċina u l-Ġappun, fejn għadhu l-istrument ewlieni tal-ħalq. Skond leġġenda antika Indjana darba alla Krishna tant daqq tajjeb il-flawt li x-xmajjar waqfu u l-għasafar niżlu jisimgħu. U fil-mitoloġija Griega alla Pan kien idoqq il-flawt waqt li jirgħa n-nagħaġ[8]. Intant, il-flawt kif nafuh, ġie żviluppat mill-Franċiż Jean Hotteterre, li żviluppa wkoll l-obwe, u li kien mużiċista fl-orkestra privata tar-re Luigi XIV . U iktar tard il-flawt kompla jiżviluppa l-iktar mill-Ġermaniż Theobald Boehm fil-1832.

It-tanbur li minnhu hemm ħafna tipi, ukoll għandhu storja twila. Miż-żmien l-aħħar epoka tas-silġ, li spiċċat madwar tnax il-elf sena ilu, fl-Ukrajna nstabu tnabar mgħamula minn għadam tal-mammoti, ljunfanti muswafa minn ta' dak iż-żmien. U mill-Arktiku għal Afrika, u mill-Amerika għal Lvant imbiegħed, it-tnabar ntużaw għal ħafna skopijiet differenti, nkluż dawk militari, reliġjużi, u għal komunikazzjoni. U mix-xamani tas-Siberja, għal Axanti ta' l-Afrika u l-vudisti f'Ħaiti, id-daqq rittmiku, ritwali jew sfrenat kien ntuża għal xi forma ta'estasi'. U mill-parati Rumani gżal dawk Nażisti, l-ħoss rittmiku u qawwi tat-tnabar ntuża biex iqajjem passjonijiet aggressivi u belligerenti. U sal-lum dan il-ħoss tat-tanbur għadhu mportanti f'ħafna forom ta' mużika kontemporanja, mill-banda tar-raħal, għall-orkestra nazzjonali, għall-muzika pop.

Il-qniepen,għalkemm forsi mhux ma' l-ewwel kkunsidrati strumenti mużikali, wkoll għandhom storja twila u nteressanti, għax intużaw għal okkazzjonijiet reliġjużi u soċjali; u sa mill-antik ħafna. Fi zminijiet pagani l-qanpiena kienet ikkunsidrata bħal simbolu ta' xi ħaġa kompluta, bil-parti femminili t-tonda ta' barra u l-lsien ta' ġewwa l-parti maskili. ( il-qniepen ukoll jistgħu jindaqqu minn barra bi speċi ta' martell ). Il-qniepen kienu jintużaw miċ-ċinizi biex iġibu x-xita u mit-Tiroliżi biex jipproteġu r-raba; u mdendlin ma' l-annimali biex jipproteguhom minn xi għajn ħażina. Fl-Antik Testment il-qassis il-kbir kien jilbes qniepen żgħar tad-deheb fi ħwejġu, drawwa li reġgħu qajjmuha l-hippies tas-sittinijiet. Il-qniepen kienu mportanti f'ritwali religjużi ta' l-Assirjani, Babiloniżi, Ħindi u Eġizzjani. L-Insara Koptiżi ta' l-Eġittu kienu jdoqqu l-qniepen biex ibegħdu xi għajn ħażina; waqt li fostna ġieli kienu jdoqqu l-qniepen waqt maltempata bis-sajjetti[9]. Il-Vikinki kienu jpinġu l-martell, simbolu ta' Tor, alla tagħhom tas-sajjetti, fuq il-qniepen. Fi żmienijiet ta' pesta u epidemiji oħra, kienu jdoqqu l-qniepen biex ibegħedu l-mard; u fostna, lit-tfal itemtmu kienu jagħtuhom jixorbu minn ġo qanpiena żgħira li dari kienet tintuża fil-quddiesa. Id-daqq tal-qniepen serva ukoll biex javża xi taqlib soċjali kbir bħal meta ndaqqu fil-massakru nfami ta' San Bartilmew (1572) fi Franza, jew fil-bidu tar-rivoluzzjoni Franċiżż (1789); jew fostna waqt xi attakk mill-għadu, bħal furbani. Fl-Ewropa Kattolika, qanpiena ġdida kienu bħal jgħammduha anke bil-parrini; u sal-lum qanpiena ġdida wkoll iberkuha. Id-daqq sollenni u monotonu tal-qniepen ta' funeral ikompli jżid mad-dieqa ta' l-okkazzjoni. Minn naħa l-oħra ma hemmx ħoss iktar ferrieħi u brijjuż mid-daqq tal-qniepen waqt ħruġ il-vara fil-festa.

Il-qanpiena wkoll kultant tintuża fil-mużika klassika ħafifa, bħal per eżempju l-kompozizzjoni Bells Across the Meadows ta' l-ingliż Albert Ketelbey (1875-1959) li jingħad li kkomponiha fi pjanura, Santa Luċija, Kerċem Għawdex.

---

1 Is-sens maskil huwa wżat għall-konvenjenza biss. L-apprezzament u l-kapaċita' femminili għall-mużika huma daqs dawk maskili.

2 Imma dan il-ferħ kollu ma kienx għal ċertu Għużża, li għax medd idu biex iżomm l-arka meta kienet ser taqa' għax il-gniedes tnaffru, Alla minnfih qatlu tal-post. (2 Sam.6-8).

3 Inċidentalment il-ktieb tas-Salmi, li minkejja t-tradizzjoni ma humiex kollhu ta' David, huwa fost l-eqdem kotba tal- għana.

4 Il-matematiku u astrologu-astromou Ġermaniż Johann Kepler (1571-1630) kien għamel żmien ifittex in-noti proprja ta' l-orbiti tal-pjaneti.

5 Per eżempju x-xofar tal-Lhud, sempliċiment huwa qarn ta' mogħża jew bodbod, li għadhom jużawh sal-lum fost l-oħrajn fil-Yom Kippur. Skond il-Bibbja d-daqq tax-xofar waqqa' s-swar ta Ġeriko. (Ġoz. 6. 9).

6 Il-noti kalmi ta' arpa huma sublimi...għal ftit ħin; għall-eternita' huma torturi terribbli.

7 Ta' l-inqas il-kelma' tibia' ġejja mill-Latin għall-betbut.

8 Dan alla Pan, li kien deskritt bħal nofshu mogħża u msemmi għall-orġiji mas-satiri u nimfi, kien il-prototipu ta' l-imaġini tax-xitan medjavali. Il-panpipes, li żviluppaw mill-flawt huma msemmija għalih.

9 Ironikament min kien fil-kampnar idoqq il-qniepen kien l-iktar fil-periklu minn xi sajjetta.